*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 15,855, 24 ta' Diċembru, 1993*
*Taqsima B*

**A.L. 178 ta' l-1993**

**ATT TA' L-1992 DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP**
**(Att Nru. I ta' l-1992)**

**Ordni ta' l-1993 dwar Żvilupp Ġenerali**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 31 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, l-Awtorità ta' l-Ippjanar għamlet din l-Ordni:

**1.** (1) Din l-Ordni tista' tissejjaħ l-Ordni ta' l-1993 dwar Żvilupp Ġenerali. Titolu u bidu fis-seħħ.

(2) Din l-Ordni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 1994.

**2.** (1) F'din l-Ordni, sakemm ir-rabta tal-kliem ma titlobx mod ieħor — Tifsir.

"abitazzjoni" tfisser post ta' abitazzjoni għal familja waħda, inkluż mezzanin, villa, *bungalow*, flat, *penthouse* jew *maisonette*;

"Area ta' Konservazzjoni Urbana" tfisser area storika (il-qalba tar-raħal) kif desinjata fi Skema ta' Provvedimenti Temporanji jew xi area oħra desinjata jew skedata skond il-Pjan ta' Struttura u l-artikolu 46 ta' l-Att;

"l-Att" tfisser l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp;

"*grade separated junction*" tfisser *junction* fejn żewġ direzzjonijiet jew aktar ta' traffiku jaqsmu f'aktar minn livell wieħed;

"konfini ta' toroq" tfisser art li tikkonsisti fi triq, misraħ, pjazzetta, sqaq, trejqa, pont jew passaġġ;

"din l-Ordni" tinkludi l-Iskedi li jinsabu ma' din l-ordni;

"*penthouse*" tfisser l-ogħla sular residenzjali fi blokk flats u li hu mibni mill-anqas 4.25m 'il ġewwa mill-faċċata li tagħti għat-triq;

"siti jew arei desinjati" tfisser kull Area ta' Konservazzjoni Urbana, u siti u arei oħra li huma identifikati mill-*policies* tal-Pjan ta' Struttura għall-ħarsien, konservazzjoni jew preservazzjoni, inklużi dawk l-arei ta' importanza arkeoloġika, ekoloġika, ġeoloġika, paleontoloġika, arkitetturali, storika, antikwarja jew artistika, jew ta' ġmiel naturali, jew ta' interess xjentifiku, flimkien ma' xi arei u siti speċifiċi desinjati taħt l-Att jew dikjarati taħt is-Sitt u s-Seba' Partijiet ta' l-Att ta' l-1991 biex Tħares l-Ambjent; Att Nru. V ta' l-1991.

"skema għat-tmexxija ta' traffiku" tfisser skema li tinkludi kull xogħol jew ħidmiet bil-għan li jikkontrollaw, jolqtu jew jibdlu, id-direzzjoni, ir-rata ta' kemm jgħaddi traffiku, u l-mezzi ta' moviment, ta' traffiku ta' vetturi jew ta' nies fit-triq, u jinkludi, iżda mhux limitat biss għal, bdil ta' *junctions* ta' toroq jew linji ta' bankini, l-ipparkjar ta' vetturi, kontrolli ta' pparkjar, tagħbija w ħatt, mixi ta' nies fit-toroq, u l-istallazzjoni ta' dwal tat-traffiku u minn fejn jaqsmu n-nies fit-triq;

Att Nru. X ta' l-1988.

"Skemi ta' Provvedimenti Temporanji" tfisser skema ta' ppjanar magħmula u approvata bi qbil ma' l-Att ta' l-1988 dwar Permessi ta' Bini (Provvedimenti Temporanji);

"studju dwar l-impatt ambjentali" tfisser studju ta' l-impatt ambjentali magħmul skond l-Att jew skond l-Att ta' l-1991 biex Iħares l-Ambjent.

(2) F'din l-Ordni, kliem jew espressjonijiet imfissra fl-Att permess taħt din il-Klassi:—

Żvilupp permess.

**3.** (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordni, permess għal żvilupp huwa b'dan mogħti għall-katergoriji ta' żvilupp li huma mfissra bħala żvilupp permess fl-Iskeda li tinsab ma' din l-ordni.

(2) Kull permess mogħti bil-paragrafu (1) ta' dan l-artiklu huwa soġġett għal kull eċċezzjoni, limitazzjoni jew kundizzjoni rilevanti kif speċifikati fl-Iskeda msemmija.

(3) Ebda ħaġa f'din l-Ordni ma jippermetti li jsir żvilupp li jmur kontra xi kondizzjoni jew limitazzjoni imposta minn xi permess ta' żvilupp mogħti fuq applikazzjoni magħmula skond it-Taqsima IV ta' l-Att.

(4) Il-permess mogħti bil-paragrafu (1) ta' dan l-artiklu ma jawtorizza ebda żvilupp li —

(i) barra minn dak li għandu x'jaqsam ma' żvilupp permess bis-sotto-paragrafi (i), (ii) u (iv) tal-paragrafu 1 tal-Klassi 3, ikun jenħtieġ jew jinkludi l-formazzjoni, tfassil jew twessigħ materjali ta' mezz ta' aċċess għal triq eżistenti;

(ii) joħloq ostaklu għall-viżjoni ta' persuni, jew ikun ta' distrazzjoni għal persuni li jkunu qed jużaw kull triq użata minn traffiku ta' vetturi, b'tali mod li x'aktarx ikun ta' periklu għal persuni bħal dawk;

(iii) jeħtieġ studju dwar l-impatt ambjentali, jew li se jsir ġewwa jew sa distanza ta' 50 metru minn kull proprjetà skedata, jew minn siti jew arei desinjati, jew li jista' jolqot ħażin proprjetà, siti jew arei bħal dawk.

Setgħa li jitrażżan żvilupp permess.

**4.** (1) Jekk l-Awtorità ta' l-Ippjanar hi tal-fehma li l-iżvilupp imfisser fl-Iskeda li tinsab ma' din l-Ordni ma għandux isir sakemm ma jingħatax permess għalih b'applikazzjoni, l-Awtorità tista' b'avviż fil-Gazzetta tal-Gvern tordna li l-permess mogħti bl-artiklu 3 ma jgħoddx għal —

(a) kull żvilupp jew xi żvilupp ta' klassi jew klassijiet speċifikati fl-avviż f'area jew arei hekk speċifikati; jew

(b) żvilupp partikolari, li jaqa' taħt klassi speċifikata fl-avviż;

u b'konsegwenza l-artiklu 3 ta' din l-Ordni ma jibqax jgħodd għal dan l-iżvilupp.

(2) Kull direttiva taħt il-paragrafu (1) ta' dan l-artiklu ma tolqotx it-twettiq ta' dan l-iżvilupp, kif jista' jenħtieġ f'emerġenza.

**5.** Meta żvilupp ikun jikkonsisti fi, jew jinkludi, skema għal tmexxija ta' traffiku, min jiżviluppa għandu jgħarraf lill-Awtorità ta' l-Ippjanar u jagħti deskrizzjoni bil-miktub ta' l-iskema, flimkien ma' pjanta li turi t-tfassil propost ta' l-iskema, u dawk id-dettalji l-oħra kollha kif ikunu meħtieġa biex jipprovdu lill-Awtorità b'deskrizzjoni sħiħa u eżatta ta' l-iskema u l-iżvilupp isir żvilupp permess sakemm l-Awtorità ma tagħtix, fi żmien 28 ġurnata minn meta tkun irċeviet id-deskrizzjoni, il-pjanta u dettalji oħra, kif imsemmija qabel u filwaqt li jitqies il-Pjan ta' Struttura, jew xi Pjan Lokali fis-seħħ f'dak iż-żmien, u t-tifsira jew l-impatt probabbli ta' l-iskema, avviż bil-miktub lil min se jiżviluppa li l-iżvilupp jitlob li ssir applikazzjoni għal żvilupp skond it-Taqsima IV ta' l-Att. Skemi għat-tmexxija ta' traffiku.

## SKEDA

(Artiklu 3)

**Klassijiet ta' Żvilupp Permess**

KLASSI 1

*Alterazzjonijiet f'bini eżistenti u żvilupp li jsir f'abitazzjonijiet fil-konfini tas-sit*

1. Dan l-iżvilupp huwa żvilupp permess, taħt din il-Klassi:—

(i) It-tlugħ ta' kamra tal-ħasil jew bini ieħor fuq il-bejt ta' abitazzjoni, kemm-il darba jiġu osservati dawn il-kundizzjonijiet u l-limitazzjonijiet:—

(a) l-għoli tal-kamra tal-ħasil ma jkunx aktar minn 2.2 metri (tmien filati) 'l fuq mil-livell tas-saqaf;

(b) il-kamra tal-ħasil ma tkunx ta' aktar minn 14-il metru kwadru ta' paviment imkejjel minn barra, jew li ma tkunx, flimkien ma' xi kamra tal-ħasil jew bini ieħor eżistenti, ta' aktar minn 14-il metru kwadru ta' paviment imkejjel minn barra;

(ċ) il-kamra tal-ħasil tkun mibnija mhux anqas minn 4.25 metri 'l hinn mill-faċċata ta' quddiem u 1.8 metri mill-ħitan tal-ġnub;

(d) il-kamra tal-ħasil ma tkunx mibnija fuq il-bejt ta' *penthouse* eżistenti;

(e) ma tkunx mibnija fuq proprjetà skedata;

(f) in-numru ta' kmamar tal-ħasil jew strutturi oħra ma jkunux ta' aktar minn waħda għal kull post ta' abitazzjoni;

(ġ) l-istruttura ma tkunx antenna tas-satellita.

(ii) It-tqegħid ta' tankijiet ta' l-ilma fuq bejt ta' abitazzjoni.

(iii) L-għemil, ġewwa bitħa ta' wara ta' abitazzjoni, ta' kull bini jew struttura oħra meħtieġ għal skop inċidentali għat-tgawdija ta' l-abitazzjoni, jew il-manutenzjoni, titjib jew alterazzjoni oħra ta' bini bħal dak:

B'dan illi kull żvilupp kif imsemmi hawn fuq ma jkunx żvilupp permess jekk —

(a) ikollu x'jaqsam ma' antenna tas-satellita; jew

(b) ikun aktar minn 9.3 metri kwadri ta' area ta' paviment imkejla minn barra jew ikun, flimkien ma' xi bini jew struttura oħra fil-bitħa ta' wara ta' l-abitazzjoni, aktar minn 9.3 metri kwadri ta' area ta' paviment imkejjel minn barra; jew

(ċ) ikun ogħla minn 2.2 metri (tmien filati) 'l fuq mil-livell ta' l-art; jew

(d) ikun maħsub li jkun hemm aċċess għall-bejt tal-bini jew struttura oħra; jew

(e) ikun imtella' anqas minn 1.75 metri 'l bogħod mill-abitazzjoni; jew

(f) ikun imtella' fil-minimu permissibbli tal-bitħa ta' wara (imkejjel mill-ħajt ta' wara ta' l-abitazzjoni) kif imfisser fil-paragrafu 2 li ġej; jew

(ġ) il-bini jew struttura oħra jkunu biex jinżammu annimali jew għasafar u hu mtella' anqas minn 1.75 metri mill-konfini tal-abitazzjoni li tmiss ma' proprjetà oħra ta' sid jew okkupazzjoni separati.

2. Għall-għanijiet ta' l-iżvilupp permess taħt il-paragrafu 1 ta' qabel —

"livell tal-bejt" tfisser il-livell ta' l-aktar parti baxxa tal-bejt ta' l-abitazzjoni li fuqha se jkun hemm l-istruttura;

"struttura oħra" ma tinkludix *penthouse* jew xi bini separat ta' akkomodazzjoni, kamra abitabbli (inklużi kċina, *toilet* jew kamra tal-banju) jew antenna tas-satellita;

"faċċata ta' quddiem" tfisser il-faċċata jew faċċati ta' abitazzjoni li tagħti għal triq jew toroq;

"kamra tal-ħasil eżistenti jew struttura oħra" tfisser kull struttura bħal dik li kienet eżistenti qabel ma bdiet isseħħ din l-Ordni jew li kienet ittellgħet skond din l-Ordni;

"skop inċidentali għat-tgawdija ta' l-abitazzjoni" tinkludi ż-żamma ta' tjur, annimali, għasafar jew annimali oħra għall-bżonnijiet domestiċi jew għat-tgawdija personali ta' dawk li joqogħdu fl-abitazzjoni;

"bitħa ta' wara b'minimu permissibbli" tfisser illi l-bitħa ta' wara m'hijiex anqas mill-qisien mogħtija hawn taħt skond in-numru ta' sulari abitabbli, jiġifieri —

| | | |
|---|---|---|
| 10 piedi | (3.05 metri) | jekk hemm biss terran jew terran u l-ewwel sular |
| 13-il pied | (4.43 metri) | jekk hemm terran u żewġ sulari |
| 16-il pied | (5.45 metri) | jekk hemm terran u tliet sulari |
| 19-il pied | (6.475 metri) | jekk hemm terran u erba' sulari |
| 22 pied | (7.5 metri) | jekk hemm terran u ħames sulari |
| 25 pied | (8.52 metri) | jekk hemm terran u sitt sulari |
| 28 pied | (9.54 metri) | jekk hemm terran u seba' sulari |
| 31 pied | (10.565 metri) | jekk hemm terran u tmien sulari. |

## KLASSI 2

*Xogħlijiet Żgħar*

1. Dan l-iżvilupp li ġej huwa żvilupp permess taħt din il-Klassi —

(i) Iż-żbigħ minn barra ta' bini jew xogħol, ħlief meta —

(a) iż-żbigħ ikun bil-għan ta' reklamar, avviż jew direzzjoni; jew

(b) iż-żbigħ ikun jinvolvi l-bini kollu jew parti kbira minnu, li jkun jinsab f'Area ta' Konservazzjoni Urbana jew li hu proprjetà skedata u jinvolvi wkoll bdil ta' lewn minn dak il-lewn li bih ikun miżbugħ il-bini;

Sakemm il-bini jkun f'area bħal dik u min jiżviluppa jgħarraf bil-miktub lill-Awtorità bix-xogħol ta' żeba' propost, u jagħtiha pjanta li turi fejn jinsab il-bini, ix-xogħol jitqies żvilupp permess jekk l-Awtorità, fi żmien 21 ġurnata minn meta tirċievi dik it-tagħrifa, ma tibgħatx tgħarraf bil-kitba lil min jiżviluppa illi x-xogħol jitlob li tintbagħat applikazzjoni għal żvilupp skond Taqsima IV ta' l-Att; jew

(ċ) l-Awtorità ta' l-Ippjanar tkun għarrfet bil-miktub lis-sid jew lil min joqgħod fil-bini jew xogħol, illi waqt li ġiet meqjusa l-lokazzjoni jew xi kunsiderazzjoni materjali oħra, il-permess ta' l-Awtorità mogħti għal applikazzjoni magħmula taħt it-Taqsima IV ta' l-Att hija meħtieġa għaż-żbigħ tiegħu minn barra.

(ii) L-alterazzjoni jew il-bdil ta' twieqi; bibien, galleriji, galleriji ta' l-injam u partijiet bħal dawn ta' kull bini, magħmul fl-istess stil, disinn u materjal bħal dawk eżistenti, sakemm —

(a) l-alterazzjoni jew il-bdil ma jaffettwawx materjalment id-dehra minn barra ta' xi parti ta' bini bħal dak, li jesporġi jew jagħti għal triq; jew

(b) il-bini ma jkunx proprjetà skedata; jew

(ċ) il-bini ma jkunx f'Area ta' Konservazzjoni Urbana.

(iii) It-tlugħ ta' ħitan ta' madwar, basata li dawn il-ħitan huma mibnijin bis-sejjieħ, jew għandhom il-wiċċ tas-sejjieħ, barra meta l-ħajt —

(a) ikun iżjed minn 1.2 metri (erba' filati) ogħla mil-livell ta' l-art; jew

(b) ikun jinsab 'il barra mill-konfini ta' skema ta' provvedimenti temporanji.

(iv) It-twaħħil ta' apparat ta' l-arja kkondizzjonata fuq in-naħa ta' barra ta' bini, kemm-il darba l-bini —

(a) m'huwiex proprjetà skedata; jew

(b) ma jinsabx f'Area ta' Konservazzjoni Urbana:

Iżda jekk il-bini jinsab f'area bħal din u min jiżviluppa jgħarraf bil-miktub lill-Awtorità ta' l-Ippjanar bl-istallazzjoni proposta, u jagħtiha pjanta li turi fejn jinsab il-bini, l-istallazzjoni ssir żvilupp permess jekk l-Awtorità, fi żmien 21 ġurnata minn meta tirċievi dik it-tagħrifa, ma tibgħatx tgħarraf bil-miktub lil min jiżviluppa li tenħtieġ tintbagħat applikazzjoni għal żvilupp skond it-Taqsima IV ta' l-Att; jew

(ċ) l-apparat ta' l-arja kkondizzjonata m'huwiex imwaħħal mal-faċċata li tagħti għal triq.

(v) Il-bdil ta' soqfa perikolużi.

(iv) Il-manutenzjoni ta' bini jew strutturi oħra, barra meta il-manutenzjoni tinvolvi l-bdil ta' elementi mill-bini, f'bini li hu proprjetà skedata, jew li jinsab f'area ta' konservazzjoni urbana, b'elementi ta' materjal differenti jew fi stil differenti.

2. Għall-għanijiet ta' l-iżvilupp permess taħt din il-Klassi —

"livell ta' l-art" tfisser l-ogħla parti mil-livell ta' l-art li fuqha se jittella' l-ħajt;

"l-istess stil, disinn u materjali" tfisser l-istil u d-disinn, u l-għamla ta' tip u kulur ta' materjali, użati fil-formazzjoni jew fit-twettiq ta' xogħlijiet li se jinbidlu, u l-"istess stil" u "stil differenti" għandhom jinftehmu f'dan is-sens;

"parti sostanzjali" rigward bini, tfisser ħamsin fil-mija jew aktar ta' kull faċċata ta' bini li tagħti għal triq.

## KLASSI 3

*Il-formazzjoni, tfassil, alterazzjoni jew titjib ta' toroq*

1. Bla ħsara għall-paragrafu 2 ta' din il-Klassi, dan l-iżvilupp li ġej huwa żvilupp permess taħt din il-Klassi:—

(i) Il-formazzjoni jew tfassil ta' toroq kif indikat fi skema ta' provvedimenti temporanji.

(ii) It-twessiegħ, titjib jew manutenzjoni ta' triq eżistenti li hi fil-konfini ta' toroq ewlenin, sakemm twessigħ bħal dan ma jirriżultax fil-ħolqien ta' trejqa jew trejqiet oħra.

(iii) It-titjib jew il-bdil ta' *junctions* sakemm titjib jew alterazzjoni bħal din ma tinvolvix it-titjib jew alterazzjoni ta' qsim ta' traffiku f'livelli separati (*grade separated junction*), jew alterazzjoni sinjifikanti għal dik li hi direzzjoni tat-traffiku.

(iv) It-tisbiħ jew it-titjib ta' *roundabouts* sakemm dan ma jkunx jinkludi jew jinvolvi t-tlugħ jew il-wiri ta' xi sinjali jew reklam.

2. Minkejja kull ħaġa li tinsab fil-provvedimenti tal-paragrafu 1 ta' din il-Klassi, kull żvilupp li hemm imfisser fih ma jkunx żvilupp permess jekk —

(i) ikun jinvolvi l-formazzjoni, it-tfassil jew twessigħ ta' triq, jew it-titjib ta' *junction* f'Area ta' Konservazzjoni Urbana; jew

(ii) ikun jinvolvi t-twaqqigħ ta' bini jew ħajt tas-sejjieħ, jiġifieri ħajt mibni bis-sejjieħ; jew

(iii) ikun jinsab ġo jew f'medda ta' 50 metru ta' proprjetà skedata jew siġra; jew

(iv) ikun jinvolvi jew jinkludi l-istallazzjoni ta' dwal tat-traffiku; jew

(v) ikun jinvolvi jew jinkludi operazzjonijiet jew xogħlijiet tat-tip imfisser fl-artikolu 5 ta' din l-Ordni; jew

(vi) ikun joħloq tfixkil tal-veduta ta', jew distrazzjoni lil, persuni li jużaw it-toroq użati minn traffiku ta' vetturi, hekk li jista' jkun ta' periklu għal dawk il-persuni;

u meta żvilupp permess taħt il-paragrafu 1 ta' din il-Klassi jkun jinvolvi t-twaqqigħ ta' ħajt tas-sejjieħ, l-iżvilupp ma jkunx żvilupp permess sakemm dak il-ħajt ma jittellax ieħor floku, mibni kemm jista' jkun malajr bl-istess materjal u stil.

## KLASSI 4

*Żvilupp Infastrutturali Żgħir*

Dan l-iżvilupp li ġej huwa żvilupp permess taħt din il-Klassi:

(i) It-tlugħ jew bini, u l-manutenzjoni, alterazzjoni jew titjib ieħor, ta' arbli tad-dawl, bankijiet pubbliċi, landi jew basktijiet taż-żibel, *bollards, barriers* u xogħlijiet jew strutturi oħra bħal dawn.

(ii) L-istallazzjoni ta' kaxxi ta' l-ittri jew ta' *self-service machines*:

Iżda kull żvilupp deskritt f'dan il-paragrafu ma jkunx żvilupp permess jekk —

(a) ikun jinvolvi jew jinkludi żvilupp tat-tip imsemmi fl-artikolu 5 ta' din l-Ordni; jew

(b) ikun joħloq tfixkil għal xi triq, inkluż passaġġ; jew

(ċ) ikun jinvolvi jew jinkludi t-tlugħ jew bini f'Area ta' Konservazzjoni Urbana jew li tmiss ma' proprjetà skedata, sakemm min jiżviluppa ma jkunx għarraf bil-miktub lill-Awtorità ta' l-Ippjanar u ta lill-Awtorità deskrizzjoni bil-miktub ta' l-iżvilupp propost, flimkien ma' pjanta li turi l-post u dettalji ta' l-iżvilupp u l-Awtorità ma tkunx, fi żmien 28 ġurnata minn meta rċeviet l-ittra, bagħtet tgħarraf bil-miktub lil min se jiżviluppa illi l-iżvilupp jitlob li tintbagħat applikazzjoni għal żvilupp skond it-Taqsima IV ta' l-Att.

KLASSI 5

*Tiswijiet ta' Servizzi*

Dan l-iżvilupp li ġej huwa żvilupp permess taħt din il-Klassi —

It-twettiq ta' dawk ix-xogħlijiet li jsiru bil-għan ta' spezzjonar, manutenzjoni, tiswija jew tiġdid ta' xi drenaġġ, *main,* kanna, *cable* jew apparat ieħor, inkluż il-ftuħ ta' art għal dak il-għan, sakemm l-art terġa' tinġieb għall-kundizzjoni oriġinali tagħha malli ikun jista jsir.

KLASSI 6

*Żvilupp għall-Provvediment ta' Servizzi ta' l-Ilma*

Dan l-iżvilupp li ġej huwa żvilupp permess taħt din il-Klassi —

(i) Żvilupp mhux 'il fuq mil-livell ta' l-art meħtieġ b'konnessjoni mal-provvista' ta' l-ilma jew għall-ħażna, tqassim mill-ġdid jew tkabbir tar-riżorsi ta' l-ilma, sakemm —

(a) ma jinkludix il-bini ta' ġibjun; jew

(b) ma jkunx jinvolvi xogħlijiet ġewwa jew taħt toroq li huma barra minn skemi ta' provvedimenti temporanji; jew ma jkunux iffurmati fi żmien meta din l-Ordni tibda sseħħ; jew

(ċ) ma jkunx jinvolvi t-tlugħ, il-bini, inġinerija jew xogħlijiet oħra għal, jew b'konnessjoni ma', l-istallazzjoni ta' *main* ewlieni ta' distribuzzjoni, b'kanen ta' *main* ta' 30 ċm dijametru jew aktar; jew

(d) ma jkunx jinvolvi l-provvista ta' ilma għal art agrikola għall-għanijiet ta' tisqija.

(ii) L-istallazzjoni f'sistema ta' l-ilma ta' stazzjon *booster, valve house, meter* jew *switch gear house,* sakemm żvilupp bħal dak ma jkunx jinvolvi xi affarijiet minn dawk li hemm fis-sub-paragrafu (ċ) u (d) tal-paragrafu ta' qabel f'din il-Klassi.

KLASSI 7

*Żvilupp għad-drenaġġ u rimi ta' drenaġġ*

1. Bla ħsara għall-paragrafu 2 ta' din il-Klassi, l-iżvilupp li ġej huwa żvilupp permess taħt din il-Klassi:—

(i) Kull żvilupp mhux 'il fuq mil-livell ta' l-art li jkun meħtieġ b'konnessjoni mal-provvediment, titjib, manutenzjoni jew tiswija ta' katusi tad-drenaġġ jew apparat tiegħu, u l-manutenzjoni jew tiswija ta' katusi li jarmu 'l barra.

(ii) Il-bini, provvediment jew titjib ta' *inspection chamber* ogħla mil-livell ta' l-art, sakemm dawn l-*inspection chambers* ma jkunux akbar minn:

(a) 1 metru kwadru ta' area ta' art; jew

(b) 1.5 metri (5 filati) għolja.

2. Minkejja l-provvedimenti tal-paragrafu 1 ta' din il-Klassi, kull żvilupp deskritt fih ma jkunx żvillup permessibbbli jekk ikun jinvolvi:—

(a) xogħlijiet f'toroq jew taħt toroq li jew huma barra minn skema ta' provvedimenti temporanji jew li ma sarux fiż-żmien meta din l-Ordni tibda sseħħ; jew

(b) tlugħ, bini, inġinerija jew xogħlijiet oħra għal, jew b'konnessjoni ma', l-istallazzjoni ta' *main* fis-sistema tad-drenaġġ permezz ta' katusa prinċipali ta' 40 ċm dijametru jew aktar; jew

(ċ) tlugħ, bini, inġinerija jew xogħlijiet oħra għal, jew b'konnessjoni mal-bini ta' xogħlijiet ġodda ta' tisfija ta' drenaġġ, jew fejn jarmi d-drenaġġ.

KLASSI 8

*Żvilupp għall-istallazzjoni ta' servizzi ta' l-elettriku*

Dan li ġej huwa żvilupp permess taħt din il-Klassi:—

(i) It-tqegħid taħt l-art ta' katusi, *cables* jew xi apparat ieħor, inkluż tħaffir għal dan il-għan, sakemm dawn ix-xogħlijiet ma jinvolvux —

(a) tlugħ, bini, inġinerija, jew xogħlijiet oħra għal, jew b'konnessjoni ma' l-istallazzjoni tas-sistema prinċipali tad-distribuzzjoni ta' l-elettriku jew sistema b'kapaċità ta' linja elettrika ta' 33 KVs jew aktar; jew

(b) xogħlijiet f'toroq jew taħt toroq li huma jew barra minn skema ta' provvedimenti temporanji jew li ma kinux saru fiż-żmien meta din l-Ordni daħlet fis-seħħ.

(ii) L-Istallazzjoni ta' linji ta' servizz, lil klijenti individwali, minn linja elettrika.

(iii) L-Istallazzjoni f'linja elettrika ta' *feeder* jew *service pillars* jew *transforming* jew *switching stations* jew *chambers*.

## KLASSI 9

*Żvilupp li għandu x'jaqsam mat-trasport pubbliku*

Dan l-iżvilupp li ġej huwa permess taħt din il-Klassi:—

(i) L-Istallazzjoni ta' *cables* u apparat tat-telefon, sinjali ta' waqfien, sinjali oħra u arbli meħtieġa b'konnessjoni mat-tħaddim ta' vetturi għas-servizz pubbliku, sakemm dan l-iżvilupp ma jkunx jinvolvi t-tlugħ jew wiri ta' xi sinjal li hu akbar minn metru kwadru area jew jekk is-sinjal ikun imdawwal.

(ii) It-tlugħ jew bini, u l-manutenzjoni, titjib jew alterazzjoni oħra ta' xelters tal-passiġġieri jew ta' lqugħ għall-kontroll tan-nies li jkunu jistennew biex jirkbu vetturi tas-servizz pubbliku:

Iżda kull żvilupp deskritt f'dan il-paragrafu ma jkunx żvilupp permess jekk ikun jinvolvi jew jikkonsisti fi żvilupp tat-tip imsemmi fl-artikolu 5 ta' din l-Ordni.

## KLASSI 10

*Żvilupp li għandu x'jaqsam mat-telekomunikazzjonijiet*

L-istallazzjoni, alterazzjoni jew bdil ta' kull apparat tat-telekomunikazzjonijiet huwa żvilupp permess taħt din il-Klassi sakemm dan ma jinvolvix:—

(a) it-tlugħ jew alterazzjoni ta' bini; jew

(b) l-istallazzjoni, alterazzjoni jew bdil ta' arblu itwal minn 10 metri; jew

(ċ) l-istallazzjoni, alterazzjoni jew bdil ta' antenna *microwave*, apparat tas-satelita tat-televiżjoni, jew apparat simili.

## KLASSI 11

*Żvilupp li għandu x'jaqsam ma' l-agrikoltura*

1. Dan l-iżvilupp li ġej huwa żvilupp permess taħt din il-Klassi:—

(i) It-twettiq ta' xogħlijiet ta' inġinerija li huma b'mod raġonevoli meħtieġa għall-għan ta' agrikoltura, inkluż xogħlijiet għat-tisqija tar-raba', sakemm ix-xogħlijiet u l-operazzjonijiet ma jinvolvux:

(a) it-tlugħ ta' bini, jew li għandhom x'jaqsmu mat-tlugħ ta' bini jew mat-trobbija intensiva ta' annimali u uċuħ tar-raba'; jew

(b) il-bini ta' ġibjun ġdid kollu kemm hu 'l fuq mil-livell ta' l-art, jew l-istallazzjoni ta' sistema ġdida għad-distribuzzjoni ta' l-ilma jew l-irrigazzjoni ta' art agrikola, jew kemm għal bini u kemm għal stallazzjoni bħal dawn; sakemm is-sistema ta' irrigazzjoni ma tkunx sistema ta' irrigazzjoni bid-*drip sprinkler*; jew

(ċ) il-ħolqien ta' għadira; jew

(d) id-depożitu ta' materjal skart fuq art kemm biex tinħoloq jew tittejjeb art agrikola jew għal għan ieħor.

(ii) Il-bini ta' ġibjuni b'parti minnhom jew kollha kemm huma taħt il-livell ta' l-art, sakemm il-ġibjun:

(a) ma jaqbiżx il-1.7 metri (6 filati) 'l fuq mil-livell ta' l-art; jew

(b) ma jaqbiżx il-25 metru kwadru ta' area ta' art; jew

(ċ) ma jkunx se jittella' f'art li m'hijiex fi proprjetà agrikola eżistenti; jew

(d) fejn ikun kollu taħt l-art, ma jaqbiżx il-100 metru kwadru area ta' art.

(iii) Id-depożitu mid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura ta' materjal skart fuq art għall-għan ta' afforestazzjoni ta' l-art, iżda biss jekk id-Dipartiment ikun għarraf lill-Awtorità ta' Ippjanar bir-riklamazzajoni u l-afforestazzjoni proposta ta' l-art, waqt li jagħti lill-Awtorità deskrizzjoni bil-kitba tal-proposta u jipprovdi magħha pjanta li turi l-post u d-dettalji ta' l-iżvilupp u l-Awtorità ma tkunx fi żmien 28 ġurnata mindu rċeviet it-tagħrifa, għarrfet bil-kitba lid-Dipartiment ili l-iżvilupp jitlob li tinbagħat applikazzjoni għal permess ta' żvilupp skond it-Taqsima IV ta' l-Att.

(iv) Il-bini ta' kmamar tal-pompi għall-ġibjuni jew spejjer sakemm il-Kamra tal-pompa —

(a) ma tkunx qiegħda aktar minn 1 metru 'l bogħod mill-ġibjun jew spiera; jew

(b) ma tkunx ogħla minn 2.2 metri (8 filati); jew

(ċ) ma tkunx aktar minn 4 metri kwadri f'area ta' art.

(v) Il-livellar, twessigħ u manutenzjoni ta' toroq eżistenti li jagħtu għar-raba' li jsir minn jew f'isem id-Dipartiment ta' l-Agrikoltura.

2. Għall-għanijiet ta' l-iżvilupp permess taħt din il-Klassi —

"proprjetà agrikola eżistenti" jfisser art li qiegħda tintuża għall-kultivazzjoni waqt li l-ġibjun qed jinbena;

"materjal skart" jinkludi skart, żibel u kull trab miġjub fuq din l-art.

## KLASSI 12

*Strutturi Temporanji*

1. Xogħlijiet li jikkonsistu fit-tqegħid fuq l-art ta' bini, strutturi mobbli, xogħlijiet, impjant jew makkinarju meħtieġ temporanjament b'konnessjoni ma' u kemm idumu l-operazzjonijiet li hemm, jew se jkun hemm, jitwettqu fuq, fi, taħt jew 'il fuq minn, dik l-art jew art li tmiss sewwasew ma' dik l-art, huwa żvilupp permess taħt din il-Klassi, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet u kundizzjonijiet li jinsabu fil-paragrafu 2 ta' din il-Klassi.

2. L-operazzjonijiet imfissra fil-paragrafu ta' qabel ta' din il-Klassi ma jkunux żvilupp permess jekk —

(i) l-operazzjonijiet huma operazzjonijiet ta' minjieri/barrieri; jew

(ii) l-art tinsab fuq jew fi proprjetà skedata; jew

(iii) mhux aktar tard minn tliet xhur mid-data li fiha kull ħaġa mqiegħda kif indikat fil-paragrafu 1 ta' din il-Klassi jew id-data li fiha l-operazzjonijiet b'konnessjoni ma' dak li għalih saru, ikunu twettqu, tkun li tkun id-data li tiġi l-ewwel —

(a) kull bini, xogħlijiet, impjant jew makkinarju mqiegħed kif imfisser hawn fuq ma jkunx tneħħa; u

(b) kull art jew art li tmiss magħha li fuqha jkun sar żvilupp permess minn din il-Klassi ma jkunx ġie restawrat għall-kundizzjoni li kien jinsab fiha qabel dan l-iżvilupp.

## KLASSI 13

*Użi Temporanji*

1. Bla ħsara għall-paragrafu 2 ta' din il-Klassi l-użu ta' art għal kull għan għal mhux aktar minn erbatax-il ġurnata f'xi sena kalendarja huwa żvilupp permess taħt din il-Klassi.

2. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' din il-Klassi, l-użu ta' art mhuwiex żvilupp permess jekk —

(i) l-użu ta' art huwa għal sit ta' karavan; jew

(ii) l-użu ta' art huwa għall-ikkampjar; jew

(iii) l-art hija fuq proprjetà skedata; jew

(iv) l-użu ta' art huwa għal vettura *off-road,* tiġrija jew *rally* ta' karozzi u muturi, inkluż it-taħriġ għal dawn l-okkażjonijiet u attivitajiet;

u, jekk l-użu ta' l-art huwa biex jitwaqqaf suq jew biegħ, użu bħal dan huwa żvilupp permess biss jekk ikun biss għal sebat ijiem f'xi sena kalendarja.

3. Għal għanijiet ta' din il-Klassi "sena kalendarja" tfisser perijodu ta' tnax-il xahar li jibda mill-jum li fih jibda jsir l-użu.

## KLASSI 14

*Żvilupp li għandu x'jaqsam ma' l-Avjazzjoni*

1. Bla ħsara għall-paragrafu 2 ta' din il-Klassi, dan li ġej huwa żvilupp permess taħt din il-Klassi:

(i) It-twettiq fuq art operattiva minn operatur ta' l-ajruport, jew l-aġent tiegħu, ta' żvilupp (inkluż it-tlugħ jew alterazzjoni ta' bini operattiv) b'konnessjoni mal-provvediment ta' servizzi u faċilitajiet ta' ajruport, sakemm żvilupp bħal dan ma jkunx jikkonsisti fi —

(a) il-bini jew estensjoni ta' *runway*; jew

(b) il-kostruzzjoni ta' terminal tal-passiġġieri; jew

(ċ) l-alterazzjoni jew estensjoni ta' terminal tal-passiġieri fejn il-paviment tal-bini kif kien qabel ikun se jeċċedi l-10 fil-mija; jew

(d) bini li m'huwiex bini operattiv.

(ii) It-twettiq fuq art operattiva, fil-konfini ta' ajruport minn operatur ta' l-ajruport, jew l-aġent tiegħu, ta' żvilupp b'konnessjoni ma' xi wieħed jew aktar minn dawn:—

(a) il-provvedimenti ta' servizzi tal-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru;

(b) in-navigazzjoni ta' ajruplani li jużaw l-ajruport;

(ċ) il-*montoring* tal-moviment ta' ajruplani li jużaw l-ajruport.

(iii) It-twettiq fuq art operattiva, barra iżda sa 1 kilometru mill-konfini ta' l-ajruport, minn operatur ta' l-ajruport, jew l-aġent tiegħu, ta' żvilupp b'konnessjoni ma' xi materji kif imfissra fis-subparagrafu (ii) ta' qabel, sakemm żvilupp bħal dan ma jkunx jikkonsisti fi jew ma jkunx jinkludi:—

(a) it-tlugħ ta' xi bini għal użu jew għan li m'huwiex dak biex jitqiegħed tagħmir fih, użat b'konnessjoni ma' xi materji kif imfissra hawn fuq;

(b) kull bini li huwa ogħla minn 4 metri;

(ċ) l-istallazzjoni jew it-twaqqif ta' radar jew arblu tar-radju, antenna jew apparat ieħor li jaqbeż il-15-il metru għoli, jew il-bdil ta' xi arblu bħal dak, antenna jew apparat, jekk dak li tqiegħed flok l-ieħor huwa aktar għoli.

(iv) L-użu ta' bini fil-konfini ta' ajruport għal skop konness ma' servizzi ta' trasport bl-ajru jew attivitajiet oħrajn ta' titjir f'dak l-ajruport.

2. Kull żvilupp imfisser fil-paragrafu 1 ta' din il-Klassi, barra minn dak deskritt fis-subparagrafu (ii) tal-paragrafu 1, ma jkunx żvilupp permess sakemm l-operatur ta' l-ajruport ma jkunx ta lill-awtorità ta' l-Ippjannar id-dettalji kollha ta' l-iżvilupp propost, għall-anqas 28 ġurnata qabel jinbeda xi żvilupp sakemm żvilupp bħal dan m'huwiex:—

(a) meħtieġ b'urġenza għat-tmexxija effiċjenti ta' l-ajruport; u

(b) ma jikkonsistix fit-twettiq ta' xogħlijiet jew it-tlugħ jew bini ta' struttura jew ta' bini anċillari, jew it-tqegħid ta' tagħmir fuq l-art, u x-xogħlijiet, struttura, bini jew tagħmir ma jkunx aktar minn 4 metri għoli jew 100 metru kwadru f'dik li hi area ta' art.

3. Kull żvilupp li jkun jeħtieġ li l-operatur ta' l-ajruport jagħti dettalji ta' l-iżvilupp propost lill-Awtorità ta' l-Ippjanar ma jkunx żvillup permess jekk l-Awtorità fi żmien 28 ġurnata mindu tirċievi din l-informazzjoni tgħarraf bil-miktub lill-operatur ta' l-ajruport li l-iżvilupp jeħtieġ li tinbagħat applikazzjoni għal permess ta' żvilupp skond it-Taqsima IV ta' l-Att.

4. Għall-finijijet ta' din il-Klassi:—

"art operattiva" jew "bini operattiv" tfisser art jew bini użat jew meħtieġ b'konnessjoni mal-moviment jew manutenzjoni ta' ajruplani, jew ma' l-imbarkazzjoni, diżimbarazzjoni, tagħbija, inżul jew trasport ta' passiġġieri, oġġetti jew annimali f'ajruport, u hi art jew bini ta' jew taħt il-kontroll ta' l-operatur ta' l-ajruport relevanti.

## KLASSI 15

### *Bini u Xogħlijiet Imdawwlin*

1. Id-dawl minn barra ta' bini u struttiri li jsir minn dipartiment tal-Gvern jew aġenzija huwa żvilupp permess sakemm:—

(a) ma jinvolvix id-dawl ta' xi sinjal jew reklam; jew

(b) l-għan ewlieni tad-dawl ma jkunx dak ta' reklam, avviż jew direzzjoni; jew

(ċ) ma jinvolvix li tiddawwal area akbar milli hu l-bini jew l-istruttura; jew

(d) ma jinvolvix li jiddawwlu minn barra bini jew strutturi f'area ta' konservazzjoni urbana jew ġewwa jew imissu ma' proprjetà skedata:

Iżda, jekk fejn l-iżvilupp m'huwiex permess minħabba biss għax jaqa' taħt dan is-subparagrafu (d), jekk min jiżviluppa jkun għarraf bil-miktub lill-Awtorità ta' l-Ippjanar bl-iżvilupp propost, u jkun ta deskrizzjoni tiegħu flimkien ma' pjanta li turi l-post u dettalji ta' l- iżvilupp, żvilupp bħal dan isir żvilupp permess jekk l-Awtorità ma tkunx, fi żmien 28 ġurnata mindu rċeviet tagħrif bħal dan, bagħtet tgħarraf bil-miktub lil min se jiżviluppa illi l-iżvilupp jeħtieġ applikazzjoni għal permess ta' żvilupp skond it-Taqsima IV ta' l-Att.

## KLASSI 16

*Esplorazzjoni ta' Minerali*

1. Żvilupp ta' kull art għal perijodu ta' mhux aktar minn 28 ġurnata u li jkun jikkonsisti fi:—

(i) it-tħaffir ta' spieri; jew

(ii) li jsiru studji sismiċi, għall-għan ta' esplorazzjoni ta' minerali huwa żvilupp permissibbli taħt din il-Klassi, sakemm:—

(a) ma tkunux operazzjoni li se ssir 'l ġewwa minn 50 metru minn kull parti ta' bini residenzjali jew bini ieħor mhux kummerċajli; jew

(b) m'hijiex operazzjoni li trid issir sa 'l ġewwa minn 50 metru minn Area ta' Konservazzjoni Urbana jew proprjetà skedata.